# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 118/2014 MH**

**Illum 30 ta' Mejju, 2016**

**Michael Busuttil (KI 641758M)**

**vs**

**Magdalena Abela (KI 201670M)**

Il-Qorti:

## I. Preliminari

Rat **ir-Rikors Guramentat tal-attur** prezentat fis-7 ta' Frar 2014 fejn gie premess:

*"1. Illi l-istanti Michael Busuttil, fis-27 ta' April 2012, kien fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida hdejn il-Bus Stop (magenb l-iskaters park) meta kif gie biex jaqsam it-triq dan qasam minn quddiem vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni ABO 328 misjuqa mill-konvenuta, li kienet qieghda tistenna biex tohrog minn fejn gie mtajjar minn l-istess vettura u bl-impatt twaddab f'nofs tat-triq;*

*2. Illi, Michael Busuttil, prova jqum fuq saqajh imma ma felahx u kellu jitkaxkar fuq il-bankina'; Huwa baqa' f'sensih u huwa ttiehed l-emergenza gewwa l-isptar Mater Dei fejn sarulu ezamijiet klinici u wkoll X-rays li kkonfermaw li sofra danni konsistenti f'debilita' permanenti;*

*3. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta illi, minghajr ma hadet id-dovuti akwteli, spiccat biex tajret lil Michael Busuttil waqt li dan kien qed jaqsam u meta kien diga' qabez nofs il-vettura minn quddiem;*

*4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali, Michael Busuttil safa mwegga' gravement u ser jibqa' permanentement debilitat, u dan oltre d-danni materjali minnu wkoll sofferti;*

*5. Illi l-konvenuta bl-ebda mod ma ghamlet tajjeb ghad-danni minnha kkagunati kif imfisser;*

*6. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;*

*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza."*

<u>*RAGUNI TAT-TALBA*</u>

*L-attur jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jaf personalment:*

*1. Illi l-istanti Michael Busuttil, fis-27 ta' April 2012, kien qed jaqsam it-triq min hdejn il Bus Stop gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida;*

*2. Illi waqt li Michael Busuttil kien qed jaqsam it-triq, u kien wasal fin-nofs tat-triq, il-konvenuta Magdalena Abela (detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 201670M), li kienet qed isud il-vettura tal-ghamla Peugot 206 u li ghandha n-numru ta' registrazzjoni ABO 328, qabdet u saqet waqt li kienet qed tistenna fit-traffiku, bil-konsegwenza li tajret lil Michaeal Busuttil;*

*3.Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta illi, minghajr ma hadet d-dovuti kawteli, spiccat biex saqet,meta kien qed jaqsam it-triq l-attur;*

*4. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali, Michael Busuttil safa' imwegga' gravement u ser jibqa' permanentement debilitat, u dan oltre d-danni materjali minnu wkoll sofferti;*

*5.Illi l-konvenuta bl-ebda mod ma ghamlet tajjeb ghad-danni minnha kkagunati kif imfisser;*

*6. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi;*

*7. Illi ghalekk kellha ssir din il-kawza.*

*<u>TALBIET</u>*

*Tghid ghalekk il-konvenuta ghaliex m'ghandniex din l-Onorabli Qorti:*

*1. Tiddikjaraha responsabbli ghall-incident stradali li sehh fis-27 ta' April 2012, fi Triq Mikiel Anton Vassali, Msida u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;*

*2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundannha thallas lill-attur dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta'danni, kif imfisser.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-lum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta**[1] prezentata fil-21 ta' Marzu 2014 li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dana il-ghaliex l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-intimata izda unikament tort tar-rikorrent Busuttil stess, illi qasam it-triq f'post perikoluz ghall-ahhar u minkejja illi kien hemm 'pedestrian crossing' ghal dan il-ghan fil-vicin, u liema pedestrian crossing ir-rikorrent ghazel li ma juzahiex. Inoltre, fil-hin ta' l-incident ir-rikorrent ma ezercitax il-'proper lookout' mehtiega minnu bhala pedestrian, u dana unikament b'negligenza, traskuragni u mperizja da parti tieghu stess.*

[1] Fol 27

*Isegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;*

*2. Illi minkejja s-suespost u minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilita', r-rikorrent ghandu jressaq kull prova valida skond il-ligi sabiex jipprova t-telf illi allegatament sofra in segwitu ta' dan l-incident, inkluz bl-opra ta' periti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas l-intimata m'ghandhiex tkun ikkundannata illi thallas kwalsiasi somma ta' danni lir-rikorrent;*

*3. Illi subordinament ghat-tieni eccezzjoni, l-intimata tirrileva illi qieghda tikkontesta l-kontenut u l-konkluzjonijiet tar-rapport mediku mhejji mill-konsulent ortopediku Mr Raymond Gatt, anness mar-rikors mahluf bhala Dok MB 2;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont kif permess mill-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

Rat ir-rapport *ex parte* mhux mahluf tal-Konsulent Kirurgu fl-Ortopedija Mr Raymond Gatt datat 23 ta' Lulju 2013, ir-rapport mahluf tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti Mr Massimo Abela datat 19 ta' Settembru 2014 kif ukoll ir-rapport mahluf tal-periti perizjuri Mr Ivan Esposito, Mr Carmel Sciberras u Mr Jason Zammit prezentat fis-17 ta' Gunju 2015.

Rat ix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet u d-dokumenti esibiti minnhom.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet[2].

Rat id-digriet tat-3 ta' Frar 2016[3] li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza finali wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Sintezi tal-provi</u>

Xehed **l-attur Michael Busuttil** permezz ta' affidavit[4] – Huwa ddeskriva d-dinamika tal-incident li sehh fl-Imsida fis-27 ta' April 2012. Dakinhar huwa kien miftiehem mal-*partner* tieghu biex tghaddi ghalih fuq il-*bus stop* ta' quddiem *Ernst & Young*. Wara li kien qasam it-triq huwa rrealizza li minhabba l-kongestjoni tat-traffiku li kien hemm, huwa kien qieghed f'post hazin biex tigbru minn hemm. Ghalhekk iddecieda li jerga' jaqsam u jmur lura minn fejn gie. Kif nizel il-bankina u ghamel xi tlett passi il-vettura misjuqa mill-konvenuta saqet ghal fuqu u laqtitlu saqajh bil-*bumper* ta' quddiem. Peress li wegga' huwa ttiehed l-isptar b'ambulanza fejn gie operat. Huwa gie rilaxxjat mill-isptar fl-1 ta' Mejju 2012.

**In kontro-ezami[5]** huwa kkonferma li ghandu 55 sena u li kien ilu ghal madwar sentejn qabel l-incident bla xoghol. Dakinhar tal-incident kienet l-ewwel darba li huwa qasam minn dik it-triq u ma kienx familjari maz-zona. Huwa qasam mill-ponta tal-bankina izjed 'il quddiem minn fejn hemm iz-*zebra crossing*. Ir-

---
[2] Fol 130 et seq
[3] Fol 141
[4] Fol 21
[5] Fol 39 et seq

raguni il-ghala ma qasamx minn fuq iz-*zebra crossing* kienet li meta jaqsam huwa jhares ‘il fuq u lejn il-vetturi li gejjin minn mal-genb u mhux lejn l-art. Ma kienx hemm sinjal li juri li kien hemm zebra crossing. Huwa ma rax is-sinjal tas-*subway* ghax ma kienx behsiebu juzaha biex imur in-naha l-ohra tat-triq. Qabel ma sehh l-incident u qabel ma beda jaqsam huwa hares kemm lejn il-lemin kif ukoll lejn ix-xellug. Huwa ra l-vettura li laqtitu. L-impatt sehh meta huwa kien ghadu kif nizel il-bankina u beda jaqsam. Huwa ntlaqat f’saqajh mill-*bumper* tal-vettura tal-konvenuta. Is-sewwieqa bdiet tghajjat mieghu ghax qaltlu li kien imissu qasam minn fuq iz-*zebra crossing*. Wara li gie operat b’rizultat tal-incident huwa jghid li xi drabi jhoss hafna ugiegh f’siequ l-leminija.

Xehed **PS 855 Malcolm Buttigieg**[6] - Huwa ddikjara li fir-rapport tal-incident huwa nizzel fedelment dak li qalulu l-partijiet.

**In kontro-ezami** huwa qal li qieghed stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida. Ix-xhud ikkonferma li fil-post tal-incident hemm *pedestrian crossing* ghalkemm din ma tantx tidher mit-triq. Vicin taghha hemm sinjal tal-*give-way*. Ghall-vetturi li jkunu qeghdin fuq is-sinjal tal-*give-way* it-traffiku jkun gej min-naha tal-lemin tieghu. Fuq iz-zewg bankini fuq in-naha tat-triq fejn sehh l-incident hemm zewg *bus stops*. Meta x-xhud acceda fuq il-post tal-incident huwa kkonstata li l-ewwel terz tal-vettura ta’ konvenuta kienet diga’ qabzet is-sinjal tal-*give way* u kienet ippuntata mar-*roundabout* u hierga biex taqbad it-triq principali. Il-konvenuta qaltlu li harget ghax ma kinitx rat vetturi gejjin min-naha tal-lemin. Il-vettura kellha ticcaqlaq minhabba li kien akkumula t-traffiku warajha izda l-pulizija tat-traffiku ghamel marki fit-triq. Ix-xhud kellem ukoll lill-attur. Minn dak li qallu deher car li huwa ma kienx qasam minn fuq il-

[6] Fol 37 et seq

*pedestrian crossing* peress li l-incident kien sehh xi tlett metri ‘l fuq minnha. L-incident sehh fi triq principali.

In **ri-ezami**[7] huwa kkonferma li fit-triq ma hemmx sinjal li hemm *zebra crossing* hlief dak li hemm fl-art. Tabella hemm biss tas-*subway*. Jekk wiehed ihares sew, iz-*zebra crossing* tidher mal-art, imma trid thares lejn l-art. U trid tkun taf fejn qeghda. Ma nstabux *brake marks* mill-vettura tal-konvenuta.

Xehdet **il-konvenuta**[8] - Hija qalet li wara li qabzet iz-*zebra crossing* u t-tabella tas-*subway* fit-triq fejn sehh l-incident, harget ftit iehor. Kienet wieqfa thares lejn il-lemin biex tistenna t-traffiku jghaddi. Malli giet biex tipprova taqla’, sabet lill-konvenut quddiem il-vettura taghha. Ma tafx minn fejn gie. Huwa baqa’ miexi u qalilha li hasditu. Ftit wara gew zewg nisa li kienu jafu lill-attur u qam paniku. Giet anke l-ambulanza u l-pulizija. Hi tichad li l-attur spicca mal-art bid-daqqa. Beda jzomm siequ biss x’hin gew dawk iz-zewg nisa. Hi spjegat il-mod ta’ kif caqilqet il-vettura skont kif qalilha l-Pulizija. Qalet ukoll li ghalkemm kienu ttiehdu proceduri kriminali kontriha in segwitu ghall-incident hija kienet giet illiberata.

**In kontro-ezami**[9] hija cahdet li kienet tajret lill-attur ghax baqghet tinsisti li kienet wieqfa bil-vettura taghha.

Xehed **Alfred Abela**[10], ir-ragel tal-konvenuta li ta deskrizzjoni tar-ritratti li ha taz-zona fejn sehh l-incident u esibiti a fol 48 sa 54. Dawn ir-ritratti ttiehdu l-ghada tal-incident. Huwa qal li l-vettura tal-mara tieghu ma gratilha ebda hsara.

[7] Fol 38
[8] Fol 90 et seq
[9] Fol 97 et seq
[10] Fol 104 et seq

Meta wasal fuq il-post huwa sab il-vettura taghha pozizzjonata wiccha l-isfel fid-direzzjoni tal-Imsida wara li kienet harget minn Triq il-Punent.

Gew prezentati varji provi dokumentarji fosthom:

i. **Rapport ex parte tal-Konsulent Kirurgu fl-Ortopedija Mr Raymond Gatt datat 23 ta' Lulju 2013**[11] – Wara li ezamina lill-attur huwa kkonkluda li minhabba l-griehi f'saqajh li kien sofra in segwitu ghall-incident stradali in kwistjoni, dan kien sofra 10% dizabilita' permanenti.

ii. **Rapport tal-Perit Mediku mqabbad mill-Qorti Mr Massimo Abela datat 19 ta' Settembru 2014**[12] - Huwa kkonkluda li l-attur garrab ferita ta' natura gravi minhabba ksur tal-parti ta' fuq tal-qasba tas-sieq tal-lemin. Il-ksur kien jestendi fl-irkoppa. Kellu wkoll bzonn operazzjoni biex il-ksur jitqieghed f'postu u jigi stabilizzat bi pjanca. Il-konkluzjoni ta' dan l-espert kienet li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 10%.

iii. **Rapport tal-periti perizjuri Mr Ivan Esposito, Mr Carmel Sciberras u Mr Jason Zammit prezentat fis-17 ta' Gunju 2015**[13] – Dawn l-esperti kkonkludew li kawza tal-ksur serju li garrab l-attur, huwa x'aktarx jizviluppa artrite degenerattiva qabel iz-zmien kif ukoll aktarx ikollu bzonn a *total knee replacement*. L-irkoppa ma tistax tigi drittata ghal kollox. Il-konkluzjoni ta' dawn l-esperti kienet li l-attur sofra dizabilita' permanenti ta' 15%.

---

[11] Fol 10 et seq. Ghalkemm il-konvenuta qegda tikkontesta l-kontenut u l-konkluzjinijiet ta' dan ir-rapport, waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu 2014 a fol 30 l-konvenuta ddikjarat li hija mhux qed tinsisti li dan ir-rapport jigi konfermat bil-gurament

[12] Fol 58 et seq

[13] Fol 74 et seq

iv. **Dokumentazzjoni dwar il-beneficcji socjali[14]-** peress li fl-epoka tal-incident l-attur kien dizokkupat gew prezentati l-ammonti ta' beneficcji socjali li huwa rcieva bejn is-sena 2010 u 2013.

## III. Konsiderazzjonijiet

Il-kawza tal-lum hija dwar incident stradali li fih l-attur jghid li garrab dizabilita' permanenti f'saqajh il-leminija wara li safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenuta waqt li kien qieghed jaqsam Triq Mikiel Anton Vassalli, l-Imsida nhar is-27 t'April 2012. Huwa qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghal dan l-incident kif ukoll li tillikwida u tordna l-hlas tad-danni konsegwenzjali favurih.

Il-konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi rribattiet li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-attur li qabad u qasam it-triq f'post perikoluz u b'mod traskurat u negligenti minghajr ma ezercita *a proper lookout* bhala *pedestrian*.

### *i. Dinamika tal-incident stradali*

Minn dak li rrizulta mill-provi, ftit qabel ma sehh l-incident nhar is-27 t'April 2012, skont l-attur kien ghadu kemm nizel minn xarabank li kien gej minn naha ta' tas-Sliema quddiem l-ufficini ta' *Ernst & Young* gewwa l-Imsida. Huwa qasam ghat-tieni *bus stop* fuq l-istess naha li taghti ghall-Imsida (dan il-*bus stop* illum m'ghadux jezisti). Dan ghaliex huwa kien miftiehem mas-siehba tieghu li tghaddi ghalih bil-karozza minn hemmhekk. Izda wara li qasam ghal dan it-tieni *bus stop* huwa rrealizza li minhabba l-kongestjoni tat-traffiku li kien hemm hiereg minn Triq il-Punent ghal got-triq principali, kien ser ikun difficli

[14] Fol 55 sa 57

ghas-siehba tieghu biex tieqaf ghalih hemmhekk u ghalhekk iddecieda li jerga' jaqsam lura. Huwa mar fil-ponta tal-bankina u hares lejn il-lemin tieghu u ra l-vetturi weqfin fit-traffiku minn Triq il-Punent. Hares lejn in-naha l-ohra (in-naha ta' Regional Road) u ddecieda li f'dak il-hin jaqsam ghax la kienu gejjin karozzi min-naha ta' Regional Road il-karozzi minn Triq il-Punent ma setghux johorgu. Huwa ra l-vettura tal-konvenuta u din kienet wieqfa fit-tarf ta' Triq il-Punent tistenna biex tohrog. Id-distanza bejnu u bejn din il-vettura kienet inqas minn nofs metru. Malli nizel il-bankina u ghamel l-ewwel ftit passi l-vettura tal-konvenuta saqet 'il quddiem u laqtitu bil-*bumper* f'siequ l-leminija. Kellu jittiehed l-isptar u gie operat.  Sal-lum jghid li f'din is-sieq ghadu jbati l-konsegwenzi ta' dan l-incident.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li ftit qabel ma sehh l-incident hija kienet qeghda fit-tarf ta' Triq il-Punent wieqfa bil-vettura taghha tistenna biex tohrog fit-triq principali. Kienet diga' qabzet iz-*zebra crossing* b'tul ta' vettura u anke s-sinjal ta' "Subway" fl-istess triq. Hija kienet qeghda thares lejn in-naha tal-lemin taghha peress li t-traffiku tat-triq principali kien gej minn dik in-naha. Malli giet biex tipprova taqla' u dawret wiccha bil-mod lejn ix-xellug taghha hija sabet lill-attur quddiem il-vettura taghha. Tghid li l-attur qalilha li tatu qatgha u mexa lejn l-arblu li kien hemm fuq in-naha tal-lemin taghha. Ma qallhiex li kien mugugh. Hija tichad ukoll li l-attur waqa' mal-art bid-daqqa. Wara ftit gew zewg nisa li kienu jafu lill-attur u ftit wara giet l-ambulanza li hadet lill-attur l-isptar. Gew il-Pulizija fuq il-post u qalulha biex iccaqlaq il-vettura minhabba li kienet inholqot kongestjoni ta' karozzi weqfin warajha fi Triq il-Punent. Il-Pulizija la ghamlu skiz, la hadu ritratti u lanqas kejl relatati mal-incident. Il-konvenuta nizlet taghmel rapport l-ghassa wara.

PS 855 Malcolm Buttigieg xehed li l-vettura tal-konvenuta kienet qabzet bi ftit il-*give way sign.* Ir-ragel tal-konvenuta li wasal fuq il-post wara l-incident qal li

sab il-vettura ta' martu sporguta 'l barra minn Triq il-Punent. Ebda hsarat ma nstabu fuq il-vettura.

*ii. Ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni*

Elenkati l-verzjonijiet ta' dawn ix-xhieda l-Qorti tqis opportun li qabel ma tippronunzja ruhha dwar ir-responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni jehtieg li jigu ezaminati l-obbligi mposti kemm fuq min ikun qieghed jaqsam it-triq kif ukoll fuq is-sewwieq, liema obbligi johorgu primarjament mill-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq *(Highway Code*[15]*)* u huma ripetutament imsemmija mill-Qrati fil-gurisprudenza.

Dan il-Kodici jipprovdi diversi linji gwida dwar **l-obbligi ta' min ikun ser jaqsam it-triq**. Fil-parti ntitolata "**Qsim tat-Triq – Kodici ta' Qsim Hieles mill-Periklu**" f'dan il-Kodici, jinghad dan li gej:

*22. L-ewwel sib post bla periklu minn fejn taqsam. Hafna ahjar li taqsam minn subway, pontijiet ghall-passagg bil-mixi, islands, zebra (postijiet ta' qsim ghall-pedestrians) jew pelican crossing, jew fejn hemm post minn fejn taqsam taht il-kontroll ta' ufficjal tal-pulizija, school crossing patrol jew gwardjan tat-traffiku. Inkella aghzel post minfejn tkun tista' tara sew in-nahat kollha. Ipprova evita li taqsam minn bejn vetturi pparkjati u kisriet f'daqqa u l-quccata ta' telghat.* ***Mur f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawk sew.***

*23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk ihallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun gej xi hadd. Tersaqx qrib hafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk zomm lura mit-tarf tat-triq izda kun zgur li tista' tara t-*

[15] High Way Code Malta Transport Authority

*traffiku li jkun gej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

*24. Hares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistghu jigu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, ghax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

*25. Jekk tkun gejja xi vettura, halliha tghaddi. Erga' hares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugh minghajr periklu fit-traffiku u inti tkun zgur li hemm hafna hin. Ftakar, anke jekk vettura ghadha 'l boghod, tista' tkun riesqa b'velocità kbira.*

*26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq – tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u ssemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfacca xi traffiku ghallarrieda.*

Fil-parti ntitolata "**<u>Qsim tat-Triq – Mill-postijiet kollha fejn qed taqsam</u>**" dan il-Kodici jkompli hekk:

*"37. Meta tkun qed tuza kull tip ta' post minn fejn taqsam ghandek:*

• *tkun zgur li t-traffiku jkun waqaf qabel ma tibda taqsam ghan-naha l-ohra jew timbotta l-pram fil-crossing.*
• *dejjem aqsam bejn l-istuds jew fuq iz-zebra markings. Qatt m'ghandek taqsam mill-genb tal-crossing jew fuq iz-zig zag lines."*

Imbaghad fil-parti ntitolata "Zebra Crossings" il-Kodici jipprovdi hekk:

*"43. Fejn ikun hemm post ta' qsim ghal pedestrians (jew subway) jew f'distanza ta' madwar 50 metru 'l boghod minnek, taqsamx it-triq minn x'imkien iehor."*

Min-naha l-ohra ghal dak li jirrigwarda **l-obbligi tas-sewwieqa** u b'rilevanza partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti regoli mill-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq:

Fit-titolu bl-isem "**Ghaqda ta' zewg toroq**" hemm stipulat hekk:

*205. Uza aktar attenzjoni f'ghaqda ta' zewg toroq jew f'salib it-toroq. Hares ghas-sinjali tat-traffiku, dawl ghat-traffiku jew marki tal-karreggata relattivi u obdihom. IEQAF fejn ikun hemm sinjali 'STOP'. Suq bil-mod u çedi d-dritta fejn ikun hemm sinjali 'GIVE WAY'. Fejn ma jkunx hemm sinjali bhal dawn, uza d-diskrezzjoni u l-prudenza.*

*207. Kif tkun qieghed iddur f'ghaqda ta' zewg toroq, hares lejn il-lemin, imbaghad lejn ix-xellug u lejn il-lemin mill-gdid. Issuqx qabel tkun zgur li ma hemmx periklu biex taghmel dan.*

Ghal dik li hi gurisprudenza relatata, il-kaz fl-ismijiet **Michele Lanteri vs Alan Spiteri deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar 2012 u konfermat mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2016**[16] ghamel sintezi dettaljata tal-obbligi li jolqtu kemm lis-sewwieq u anke lil min ikun qieghed jaqsam it-triq:

*"Illi hawn wiehed irid ihares lejn l-obbligi ta' pedestrian u l-obbligi ta' sewwieq u ssir riferenza ghas-sentenza* ***"Rita Calleja vs Joseph Agius"*** *(PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-*

[16] Cit Nru 1229/94

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

…….

*"Illi imbaghad fis-sentenza* ***"Antonella Tonna vs Roderick Gauci et"*** *(P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nr: 2025/00/GV) intqal hekk :-*

*"Skont il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)".*

*"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)."*

*"Illi f'sentenza ohra pjuttost ricenti fl-ismijiet* ***"John Ransley et vs Edward Restall et"*** *(P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) inghad ukoll li:-*

*"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal- Highway Code jghidu hekk :-*

*'20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central*

*refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.'*

*"Il-**pedestrian** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' **pedestrian** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikun kellu possibilita` kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **"Micallef George noe vs Camenzuli Gordon"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997."*

*"Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus"** (A.C. - 7 ta' Ottubru 2005 - App. Civ 1417/96) gie osservat:-*

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u* cioe` *qabel ma jaqsam il-karregjata."*

Imbaghad fil-kaz fl-ismijiet **Kevin Vella vs David Briffa deciz fis-7 t'Ottubru**

**2015**[17] il-Qorti qalet hekk:

*"Dan il-kuncett ta' proper look-out gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited*** *, fejn il-Qrati Inglizi rritenew:*

*"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

*L-istess kuncett gie mhaddan mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** deciza fil-**5 t'Ottubru 2001**, fl-ismijiet **George Scicluna et vs Victor Cini** fejn gie ritenut:*

*"bi vjolazzjoni cara tar-Regola fondamentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f'kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq, b'mod li jkun f'posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita'**."** Vide ukoll **Zahra vs Vassallo** deciza fil-15 t'Ottubru 2003".*

Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti issa sejra tapplikahom ghall-fattispecje tal-kaz odjern. Ghal dak li jirrigwarda l-attur jinghad bla tlaqliq li l-Qorti tirriskontra nuqqasijiet lampanti da parti tieghu bhala *pedestrian*:

1. Minn triq shiha huwa ghazel proprju n-naha tax-xellug u t-tarf tal-bankina minn fejn ikunu qeghdin jisporgu l-vetturi minn Triq il-Punent ghal got-triq

[17] Rik Nru 310/07 Prim Awla tal-Qorti Civili

principali sabiex jibda jaqsam it-triq, u dan meta l-vetturi li jridu johorgu minn dik it-triq ikun jehtiegilhom iharsu attentament lejn it-traffiku gej minn Triq Regjonali min-naha tal-lemin. B'hekk huwa ma poggiex ruhu f'pozizzjoni fejn il-konvenuta setghet tinduna bih immedjatament;

2. Dan in-nuqqas ikompli jaggrava ruhu tenut kont tal-fatt li proprju vicin hafna fejn sehh l-incident kien hemm *zebra crossing*. L-attur jghid li huwa ma kienx familjari ma' dik it-triq u ma kienx hemm sinjal jew tabella cara li turi li kien hemm din iz-*zebra crossing*. Izda dan kollu jpoggi aktar responsabbilta' fuq l-attur li juza prudenza biex jesplora t-triq sew u jfittex post bla periklu minn fejn seta' jaqsam. Bizzejjed jinghad li b'diligenza ordinarja l-attur seta' facilment isib din iz-*zebra crossing* kemm ghax kienet ferm qrib kif ukoll ghaliex, kif irrizulta mill-provi, fil-parti fejn kien hemm din iz-*zebra crossing* il-bankina kienet titbaxxa. L-attegjament tal-attur meta jghid li huwa ma sabx iz-*zebra crossing* ghax *"meta naqsam jien inhares 'il fuq u lejn il-karozzi li jkunu gejjin mill-genb. Ma nharisx lejn l-art*[18]" certament jirrifletti negligenza min-naha tieghu.

3. L-attur kellu wkoll mezz iehor aktar sikur li seta' juza' sabiex jaqsam min-naha ghall-ohra tat-triq u cioe' s-*subway* li taghha kien hemm sinjal car u vizibbli fit-triq[19]. L-attur jghid li din it-tabella ma rahiex u jzid li fi kwalunkwe kaz *"jien ma kienx jinteressani s-sub way ghax ma kontx ser nghaddi minn taht it-triq biex immur in-naha l-ohra*[20]*".* Dan l-attegjament ikompli jikkonferma li l-attur lanqas biss esplora l-akwati biex jara liema post kien l-aktar sikur (u mhux necessarjament l-aktar li jinteressa lilu) biex jaqsam minnu.

4. Ir-ragunament tal-attur qabel ma huwa ddecieda li jaqsam jirrifletti

[18] Xhieda tal-attur in kontro-ezami a fol 39
[19] Dok MZ11 a fol 52
[20] Xhieda tal-attur in kontro-ezami a fol 40

nuqqas kbir ta' diligenza ta' *bonus paterfamilias*. Li hares lejn il-lemin u lejn ix-xellug tieghu qabel beda jaqsam it-triq ma kienx bizzejjed[21]. Kien ferm irresponsabbli l-attur li jaqbad u jassumi li peress li ftit sekondi qabel ma nizel mill-bankina l-vettura tal-konvenuta kienet wieqfa fit-tarf tat-triq allura din kienet ser tibqa' wieqfa. Wisq inqas seta' l-attur allura jaqbad u jaqsam ghax skont il-kalkoli tieghu - la kien gej it-traffiku minn Triq Regjonali *"ma ppretendejtx li ha ssuq"*[22]. L-attur addirittura jirrikonoxxi li filwaqt li huwa kien ra l-vettura tal-konvenuta u anke hares lejn wiccha, seta' jinnota wkoll li hi ma kienet ghamlitlu ebda sinjal biex jaqsam u hu lanqas ma ssenjalalha l-intenzjoni tieghu:

*"Jien rajtha il-vettura li laqtitni. Kienet wieqfa fit-tarf tat-triq. Mara kienet qed issuq il-vettura. Harist iva lejn wiccha u ma ghamliltli l-ebda sinjal biex jien naqsam it-triq. Lanqas jien m'ghamiltilha l-ebda sinjal biex izzomm halli naqsam jiena. Jien qsamt ghax rajt traffiku gej minn Regional Road. Ladarba ikun gej traffiku minn Regional Road il-konvenuta ma setghetx tohrog minn Triq il-Punent u ghalhekk kien li ddecidejt li naqsam."*

*Pedestrian* m'ghandu ebda dritt jissostitwixxi d-diskrezzjoni u l-gudizzju tieghu ghal dak tas-sewwieq ta' vettura ghax il-perspettiva u l-gudizzju ta' min qieghed isuq ma tkunx necessarjament l-istess bhal dik ta' min qieghed miexi fit-triq, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. Dan aktar u aktar meta rrizulta mill-provi li l-konvenuta ma ratux u l-attur kien ben konxju tal-fatt li hi ma kienet ghamlitlu ebda sinjal biex jaqsam.

5. L-attur kompla espona lilu nnifsu ghall-periklu meta qasam minn distanza ferm qasira bejnu u bejn il-vettura tal-konvenuta. Kif ammetta hu stess: *"Id-*

[21] "Harist in-naha tal-lemin kien hemm karozzi weqfin. Harist lejn it-traffiku gej minn naha l-ohra."
[22] Statement tal-attur lill-pulizija fir-Rapport taghhom a fol 7

*distanza bejni u l-art ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta kienet inqas minn metru meta bdejt naqsam."* B'hekk huwa kompla naqqas il-hin a dispozizzjoni tas-sewwieqa biex jekk issuq ma tinvestihx.

**Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li l-attur ghandu decizament igorr il-maggor parti tar-responsabbilta' ghal dan l-incident.**

Madankollu l-Qorti jidhrilha li l-konvenuta ukoll uriet nuqqasijiet bhala sewwieqa ghax ma ezercitatx id-diligenza u l-prudenza sal-grad ta' probabbilta' rikjesta mill-ligi civili u bl-agir taghha kkontribwiet ukoll ghall-incident li sehh. Dan irrispettivament mill-fatt li hija giet liberata mill-proceduri kriminali istitwiti kontriha[23], liema proceduri huma totalment indipendenti minn dawk odjerni.

Fl-ewwel lok u ghal kull buon fini l-Qorti tqis li:

1. Il-verzjoni tal-konvenuta waqt din il-kawza li hija ma setghetx tajret lill-attur ghax il-vettura taghha baqghet dejjem wieqfa ma tistax titwemmen. Dan mhux biss huwa nkonsistenti ma' dak li rrizulta mill-provi, izda wkoll ghax li kieku veru li hija qatt ma saqet il-karozza 'l quddiem, in-natura tal-griehi subiti mill-attur ma kinux jimmanifettaw ruhhom. Il-fatt li l-*bumper* tal-vettura taghha ma ssubixxa ebda hsara vizibbli lanqas ma hi ta' difiza ghaliha tenut kont li t-tip u l-qies tal-vettura misjuqa minnha fil-hin tal-incident hija wahda meqjusa robusta. Barra minn hekk il-fatt li l-vettura tal-konvenuta ma soffriet ebda danni, huwa fil-fatt kompatibbli mas-sitwazzjoni li hi kienet wieqfa fuq il-*give way sign*, kif suppost, u kif rat li min-naha tal-lemin taghha, minn *Regional Road*, it-triq kienet *clear*, harget bil-mod ghal fuq it-triq Anton Vassalli.

[23] Il-Pulizija vs Magdalen Abela decizi fit-3 ta' Settembru 2015 – kopja tas-sentenza esibita a fol 108 et seq

2. Il-lok indikat mill-konvenuta ta' fejn sehh l-incident[24] ma jaghmilx sens meta mqabbel mad-dinamika tal-incident kif irrizulta mill-provi. Li kieku kien hekk hija mhux biss kienet tkun ta' xkiel u ostaklu wieqfa fin-nofs tat-triq u ta' periklu hi stess ghal vetturi gejjin min-naha tal-Gzira kif ukoll ghal-karozzi tal-linja mill-*Bus Lane* min-naha tal-lemin taghha, izda wkoll ma kien jaghmel ebda sens li biex l-attur jaqsam minn bankina ghall-ohra minn quddiem Triq il-Punent kien se joqghod jinzel il-bankina, jaqsam ghal nofs it-triq biex jghaddi minn quddiemha u mbaghad jerga' jipprova jmur fuq il-bankina minn fejn kien qasam l-ewwel darba. Il-Qorti tqis ghalhekk li l-post fejn sehh l-incident kif immarkat mill-attur fuq l-istess dokument[25] huwa ferm aktar verosimili u jirrispekkja l-lok minn fejn huwa safa' nvestit mill-konvenuta. Oltre dan ghandu jinghad ukoll li qabel ma l-attrici indikat li kienet wieqfa f'nofs it-triq Anton Vassalli tistenna l-karozzi gejjin fuqha mil-lemin taghha, qalet u hawn kienet qed taghmel sens, illi hija fil-fatt kienet gia fuq il-*give way sign* qabel l-incident[26] , dan meta kienet qed tixhed dwar it-traffiku li kien gej minn warajha.

Biex issahhah din il-fehma l-Qorti tqis ukoll li d-deskrizzjonijiet li nghataw fil-kors tal-provi ukoll jippuntaw lejn iz-zona ndikata bil-marka X bil-blue fuq l-*aerial view map* a fol 47. Il-konvenuta stess issemmi li kienet qeghda fuq il-"give-way" wara li kienet qabzet iz-"zebra crossing" u li "l-bokka tat-triq mhix wiesgha bizzejjed biex tiehu zewg karozzi"[27]. Dwar kemm hi preciza o meno certa nformazzjoni misjuba fir-rapport tal-Pulizija esibit, u li ghalih saret referenza mill-konvenuta f'paragrafu 8 *et seq* tas-sottomissjonijiet taghha, wiehed irid jiftakar li mhux biss il-vettura tal-konvenuta giet imcaqilqa wara l-

[24] Bil-vlegga hamra fuq id-dokument MZ 1 a fol 47
[25] Immarkat b'sinjal X bil-blu
[26] A fol 92
[27] Xhieda a fol 97

incident u ma sar ebda sketch u ma ttiehdu ebda kejl u distanzi dwar dak li sehh, imma wkoll l-uniku Pulizija li xehed, PS 855 Malcolm Buttigieg acceda fuq il-post wara li kienet diga' mcaqilqa l-vettura u ghalhekk ma setax jaghti certi dettalji dwar fejn kienet sitwata l-vettura tal-konvenuta qabel ma sar l-impatt mal-attur. Huwa ghalhekk meqjus li l-indikazzjoni tal-indirizz "*Triq Mikiel Anton Vassalli Msida*" u "*near roundabout of skaters park*" bhala "l*andmark*" fir-rapport tal-Pulizija fi kwalunkwe kaz ragjonevolment jirriflettu l-lok indikat bil-marka X bil-blu fuq l-*aerial view map* a fol 47.

Iccarati dawn il-punti, l-Qorti tikkunsidra li filwaqt li fil-hin li kienet wieqfa tistenna t-*turn* taghha biex tohrog ghal mar-*roundabout* il-konvenuta kienet qeghda zzomm *a proper lookout* ghal vetturi li kienu gejjin minn Triq Regjonali, hija m'ghamlitx l-istess ghal dak li kien qieghed jigri madwarha qabel ma qalghet bil-vettura taghha u saqet 'il quddiem. Kif gie anke ritenut fil-gurisprudenza kopjuza citata aktar 'il fuq, id-dover tas-sewwieq jinkorpora wkoll "*awareness of what is happening in one's immediate vicinity"* kif ukoll *"view of the whole road from side to side ……of pavements on the side of the road as well".* Dan id-dover taghha mhuwiex limitat ghal dak li jirrigwarda vetturi biss. Il-konvenuta qalet hekk fl-istqarrija lill-Pulizija ftit tal-hin wara l-incident[28] u kkonfermat bil-gurament din il-parti tal-istqarrija quddiem il-Qorti waqt ix-xhieda taghha[29]:

*"kont hierga minn Triq il-Punent lejn ir-roundabout ta' hdejn l-Universita' meta waqaft fuq il-give way. Jien waqaft peress li kien gej it-traffiku u bdejt inhares halli nara l-waqt li stajt nohrog.* ***Meta ma kienx gej traffiku qlajt bil-***

[28] Stqarrija tal-konvenuta lill-Pulizija fir-Rapport taghhom a fol 44. Aktar tard hija ppruvat tikkontradixxi dak li kienet qalet hi stess meta xehdet li ma setax ikun li tajret lill-attur ghax il-karozza taghha baqghet startjata u wieqfa (fol 97)
[29] Fol 94

***mod u f'daqqa wahda rajt ragel quddiem il-vettura jzomm siequ*[30] *.... ".***

Il-Qorti tqis li meta l-konvenuta rat li ma kienx gej traffiku hija ma setghetx taqbad u taqla' minghajr ma taghti titwila quddiemha **minn naha sa ohra tat-triq** biex tassikura li ma kien hemm hadd u xejn li seta' jkun ta' ostaklu ghal din il-manuvra taghha. Huwa manifestament ovvju li din il-*proper look out* m'ghamlithiex kif suppost il-konvenuta ghax li kieku kien jirnexxielha tinduna bl-attur li kien diga' beda jaqsam it-triq fil-hin li laqtitu. U kif jirrizulta anke mir-ritratti esibiti, il-post minn fejn qasam l-attur ma kienx minn wara xi karozza jew minn wara xi kantuniera. Ghaldaqstant huwa car li dak li sehh kien li l-konvenuta qabdet u qalghet u saqet il'quddiem meta harsitha kienet ghadha fuq in-naha tal-lemin taghha fid-direzzjoni tal-vetturi gejjin minn Triq Regjonali. Hija stess tghid hekk meta mistoqsija il-ghaliex ma ratx lill-attur qabel:

*"Ghax jiena wicci dejjem kien qed ihares fuq ir-right, ghax il-karozzi minn hemmhekk biss setghu jigu minn fuq ir-right, kieku nahseb gie fuq ir-right kont narah lil dan is-sinjur*[31]*."*

Dan ir-ragunament tal-konvenuta juri nuqqas tad-dover mistenni minnha kif deskritt aktar qabel mill-Qorti b'referenza ghall-gurisprudenza u cioe' li-

"*A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Inoltre l-fatt li l-konvenuta tammetti li ma ratx lill-attur u lanqas taf minn fejn

[30] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[31] Xhieda tal-konvenuta a fol 99

gie qabel ma laqtitu nonostante l-fatt li kif tghid hi stess *"kif dawwart wicci dritt rajt is-sinjur bil-wieqfa faccata tal-bonnet"* hija ammissjoni cara ta' nuqqas fl-obbligu taghha li zzomm "*proper lookout*".

La fic-cirkostanzi tqis li l-konvenuta bhala sewwieqa, b'diligenza ordinarja setghet ukoll tara dak li kien ragjonevolment vizibbli ghaliha li kieku harset quddiemha qabel ma qalghet minn fejn kienet, allura hija tenuta li kkontribwiet ukoll bin-negligenza taghha ghall-incident, anke jekk fi proporzjon inqas meta mqabbel mal-grad ta' negligenza murija mill-attur.

**Maghmula dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ghandu jgorr ¾ tar-responsabbilta' u l-konvenuta ghandha ggorr ¼ tar-responsabbilta' ghall-incident in dizamina.**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament sa fejn hija kompatibbli ma' dak appena pronunzjat u tichadha fil-bqija. Ghall-istess ragunijiet qeghda tilqa' wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta sa fejn biss hija kompatibbli ma' dak appena pronunzjat u tichadha fil-bqija.

*iii. Id-dizabilita' permanenti tal-attur*

Illi mill-provi, u cioe' mit-tliet rapporti medici esibiti[32] jirrizulta b'mod mhux kontradett illi b'rizultat tal-incident stradali tas-27 t'April 2012 l-attur sofra ferita ta' natura gravi, primarjament ksur, f'saqajh il-leminija ghal-liema ferita huwa kellu jigu operat fl-isptar Mater Dei. L-attur gie rilaxxjat mill-isptar fl-1 ta' Mejju 2012.

[32] Rapporti tal-konsulent kirurgu ex parte, tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti u tal-Perit Perizjuri

Hemm komunanza bejn ir-rizultanzi tal-ezamijiet li saru fuq l-attur mit-tobba in kwistjoni u dan fuq medda ta' snin wara li sehh l-incident.

Fl-ewwel rapport mediku tal-konsulent kirurgu *ex parte* Mr Ray Gatt huwa fost affarijiet ohra jirraporta hekk circa sena wara li kien sehh l-incident[33] -

*"The patient still remains symptomatic mainly pain and stiffness and disruption of some activities of daily living. Recent radiology of the fracture site dated June 2013 showed bony malunion, and long-term problems of such an injury might involve early-onset articular degeneration of the tibio-femoral joint, and potential problems associated with the removal of hardware if this becomes necessary.*

*As regards Whole Person Impairment I would suggest this is 10 (ten) percent."*

Ir-rapport tal-espert mediku mqabbad mill-Qorti Mr Massimo Abela li ezamina lill-attur circa sentejn wara l-incident stradali[34] similment ikkonstata li minkejja l-operazzjoni li saret fuq l-attur u ghalkemm il-ksur fieq…

*"mill-ahhar Xrays hemm indikazzjoni cara li n-naha ta' barra tal-gog tal-irkoppa (lateral compartment) garrab hsara konsiderevoli. Fil-fatt l-Xrays juru li qeghda titrabba artrite f'din il-parti tal-gog (Post-traumatic osteoarthritis). Mr Busuttil ghadu jilmenta minn ugiegh fl-irkoppa u ghandu restrizzjoni fil-movimenti tal-irkoppa. Rizultat ta' dawn l-ilmenti ghandu xi limitazzjonijiet f'attivitajiet ta' kuljum. Jekk dawn l-ilmenti u limitazzjonijiet ikomplu jizdiedu hemm probabilita' kbira li l-iskoppa jkollha bzonn tinbidel (knee replacement)."*

[33] Rapport datat 23 ta' Lulju 2013 a fol 10
[34] Fid-19 ta' Settembru 2014 – Rapport a fol 58 et seq

Il-konkluzjoni ta' dan l-espert mediku kienet ukoll li l-attur huwa meqjus Ii sofra 10% dizabilita' permanenti.

Finalment ir-rapport tal-periti perizjuri juri li wara li l-attur gie ezaminat kwazi tliet snin wara l-incident[35] is-sitwazzjoni tal-attur mhux talli ma gietx 'il quddiem talli ddeterjorat tant li huma stmaw id-dizabilita' permanenti tal-attur b'rizultat tal-incident ghal 15%. Dan wara li rrizultalhom li –

*"Minhabba li l-wicc (articular surface) ta' dal-gog m'ghadux lixx, is-Sur Busuttil x'aktarx ser jizviluppa artrite degenerattiva (osteoarthritis) qabel iz-zmien. X'aktarx ser ikollu bzonn ta' total knee replacement fejn forsi ma kienx ikollu bzonn kieku l-gog ma ntmessx. Minhabba li ma jistax jidritta ghal kollox din l-irkobba (fixed flexion deformity) mhux qed jimxi normali u ghalhekk dan qed jaffetwalu xi ftit l-ugiegh f'dahru li kellu qabel l-incident. Sakemm ghad ghandu l-metall f'saqajh, dejjem jibqa' cans zghir li dan jista' jigi nfettat."*

**In vista tas-suespost it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta qeghda tigi respinta.**

*iv. Id-danni mitluba mill-attur*

Dejjem fid-dawl ta' dak misjub minnha dwar ir-responsabbilta' tal-partijiet fil-kawza ghall-incident in kwistjoni, l-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u hlas ta' danni.

L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipula illi –

*"1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont*

[35] 12 ta' Frar 2015 – Rapport a fol 74 et seq

*id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, lispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, ittelf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u lkondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema nostrali, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Fil-kaz ricenti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[36] din il-Qorti diversament preseduta elaborat b'mod elokwenti l-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'* Butler vs Heard. *Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-*

[36] Rik Gur 836/01LSO

*arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`."* – ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to*

*continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (***The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228****).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet* **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan, il-linja ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident*[37]*. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji*[38]*.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life…discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…." (***Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet**

[37] *"**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[38] *Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

***Ediz. 1986, pag.53).***

Fis-sentenza moghtija ricenti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joe Caruana vs Philip Chircop** et deciza fl-24 ta' April, 2015; App. Nru. 587/2003/1 gie deciz:

"***F9. Multiplier:***

*"Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet* ***John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall*** *-Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:*

*"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza* ***Butler vs Heard*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni."*

*"Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza* ***Lambert vs Buttigieg*** *deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:*

*"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos*

*minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

*"Fil-kawża fl-ismijiet* **Darren Sammut vs Eric Zammit** *deċiża mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Ċivili Superjuri fit-3 ta' Diċembru, 2004 intqal:*

*"Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eċċessiv. Dan għaliex fis-sistema ġeneralment applikata f'kawżi għar-rizarċiment ta' danni l-liġi ma tgħid xejn, għal anqas kif inhi fil-preżent, dwar il-perjodu li għandu jiġi applikat għal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tgħid xejn dwar il-ħajja lavorattiva tad-danneġġat. Il-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-mod kif għandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod speċifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjeż inkorsi minħabba l-ħsara kaġunata u it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma għandha ebda diskrezzjoni u għandhom jiġu rizarċiti in toto. Iżda fir-rigward ta' telf ta' qligħ li dik il-persuna tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din linkapaċita`tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

*"Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju huwa wieħed siwi u jwassal għal ċerta uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' '***Buttler vs Heard'*** *– b'dana kollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għal telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' – jipprova*

*jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."*

*"Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42* **Bonnici vs Gauci** *PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena* **Bugeja vs Agius** *App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena* **Dalmas vs Ghigo** *App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena* **Seisun vs Brincat** *PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena* **Zammit vs Zahra** *PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena* **Sammut vs Zammi***t App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena* **Mizzi vs Azzopardi** *PA 16-Dic-2004.*

*"Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija]. "Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-chart hawn taht:*

| *Eta Vittma* | *Multiplier* |
|---|---|
| | *Massimu* |
| *0-15* | *40* |
| *16-20* | *37* |
| *21-25* | *35* |
| *26-30* | *30* |
| *31-35* | *25* |
| *36-40* | *20* |
| *41-45* | *15* |
| *46-50* | *13* |
| *51-55* | *11* |
| *56 +* | *5 jew anqas* |

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe***." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz* ***"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"*** *deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Jos Agius vs All Services Ltd."*** *(P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "***Agius vs Fenech***" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "***Sylvester Tabone vs Carmen Abela"*** *P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u* ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd***." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

B'applikazzjoni tal-principji suesposti ghall-kaz odjern, il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Ghal dak li hu **damnum emergens** l-attur prezenta ricevuta wahda a fol 13 tal-process, liema ricevuta tirraprezenta hlas ta' Eur49.00 bhala spejjez medici mhallsa lil Mr Ray Gatt.

2. Ghal dak li hu **lucrum cessans** il-Qorti sejra tadotta l-persentagg ta' dizabilita' permanenti ta' 15% kif stabbilita mill-periti perizjuri.

Dwar il-*multiplier*, jirrizulta mill-provi li l-attur kellu 54 sena fl-epoka tal-incident. L-attur ma tax wisq hjiel tal-hajja lavorattiva tieghu, lanqas imqar permezz ta' *employment history*. Mill-informazzjoni moghtija minnu lill-esperti medici fil-varji rapport taghhom irrizulta illi **fl-epoka tal-incident u ghal xi snin qabel u anke wara huwa kien bla xoghol** (emfasi ta' din il-Qorti). Esebixxa anke xi dokumentazzjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar beneficcji socjali li huwa kien qieghed jircievi (inkluz ghajnuna ghall-qghad) bejn is-snin 2010 u 2013[39]. L-attur kien xehed ukoll vagament li *"qabel jien kont nahdem mal-Goodearth fis-sales section*[40]*."* Ghalhekk in vista tal-fatt li rrizulta li l-attur ma kellux hajja lavorattiva kontinwa fis-snin ta' qabel l-incident, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-invit tal-attur fis-sottomissjonijiet tieghu sabiex tqis li l-multiplier ghandu jkun ta' 12 il-sena, lanqas ma tqies li ghandha tapplika a favorih il-massimu stabbilit fit-tabella suriferita, izda sejra minflok tqis li dan ghandu jkun multiplier ta' 7 snin. Dan il-multiplier qieghed ukoll jaghmel tajjeb ghall-fattur tac-*chances* u c-*changes of life*.

Ghal dak li huwa *quantum* il-Qorti sejra timxi fuq ir-rata tal-paga minima nazzjonali kif stabbilita skont **l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali (L.S. 452.71)** mis-sena li fiha sehh l-incident stradali in kwistjoni.

Sena 2012 – Eur 8,221.72
Sena 2013 – Eur 8,433.88
Sena 2014 – Eur 8,615.36
Sena 2015 – Eur 8,645.52
Sena 2016 – Eur 8,736.52

[39] Fol 55 sa 57
[40] Fol 41 tax-xhieda tal-attur in kontr-ezami

Peress li f'dawn l-ahhar hames snin il-paga minima nazzjonali zdiedet b'medja ta' circa Eur100 fis-sena, din il-Qorti sejra zzid dan l-ammont mal-bazi tas-sena 2016 ghas-sentejn li jifdal mis-7 snin[41].

It-total tal-multiplier huwa:
Eur60, 426.04 X 15% dizabilita' permanenti = **Eur 9,063.90**

Dwar it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment* l-Qorti tinnota li l-kawza giet intavolata fis-7 ta' Frar 2014. Ghalkemm huwa minnu li wara l-gheluq tal-provi tal-attur[42] il-konvenuta talbet li ma tixhedx sakemm hija tixhed fil-proceduri kriminali kontriha, fil-frattemp jirrizulta li l-provi baqghu jitressqu tant li lahqu gew espletati l-inkarigi tal-perit mediku mahtur mill-Qorti u anke tal-periti perizjuri. Il-Qorti tqis ghalhekk li ma kienx hemm dilungar inutli mill-konvenuta. Ir-rata ta' tnaqqis ta' 20% sejra ghalhekk tigi applikata b'dana li s-somma ta' Eur 9,063.90 ghandha tonqos ghal **Eur 7,251.12**

Ghalkekk is-somma finali hija din: damnum emergens **Eur49.00** + lucrum cessans **Eur 7,251.12 = Eur 7,300.12 (sebat elef u tlett mitt Ewro u tnax il-centezmu).**

In vista tal-kwoti ta' responsabbilta' decizi aktar qabel, il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talba tal-attur billi tilqaghhom u tillikwida u tordna l-hlas ta' danni mill-konvenuta lill-attur ta' ¼ minn mis-somma ta' Eur7,300.12 u cioe' s-somma ta' **<u>Eur 1,825.03 (elf tmien mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tlett centezmi).</u>** Ghal din ir-raguni t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta qeghda tigi michuda.

[41] Eur8836.52 (sena 2017); Eur8936.52 (sena 2018)
[42] Fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi illi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur limitatament billi tiddikjara li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident stradali tas-27 t'April 2012 kwantu ghal ¼ tat-tort, bi ¾ tat-tort huma attribwibbli lill-attur innifsu;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghas-somma ta' Eur 1,825.03 (elf tmien mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tlett centezmi);**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Eur 1,825.03 (elf tmien mija u hamsa u ghoxrin Ewro u tlett centezmi);**
4. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta limitatament sa fejn huwa kompatibbli ma' dak hawn deciz u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet taghha;**
5. **L-ispejjez tal-kawza jinqasmu hekk: ¾ jithallsu mill-attur u ¼ jithallsu mill-konvenuta;**
6. **L-imghaxx legali jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**